# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, ID-9 TA DICEMBRU, 1913. Nru. 94.

*Inbiercu b'kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Aħbar.

M'illum il-kuddiem, ma joħorġux iżjed *Avviżi* mal cantunieri għar-reciti tat-tiatrin tal *Unjoni Cattolica*, għax isiru b'li stedin. Min ma tasallux li stedina u icun jixtiekha, jista' imur jitlobha il *Palazz Caraffa* (strada Forni, numru 94), f'li stess *Circlu tal Unjoni Cattolica*.

## Cliem tad-deheb.

### XI.

## Ħakkna il għacs ?

Tabilħakk li da 'l għacs, li jinsab f'Malta, chien ilu, minn żmien, jinħass; imma hu tabilħakk ucoll, li, dan l'aħħar, fakka, ħabta u sabta, bħala sajjetta u nfexx fil kaŭŭa tal ħruxija tiegħu, jaħchemm ma cullimchien, u jagħfas bl'icreħ, f'min iżied u f'min ankas, lil cullħadd. Ħàġa li iġġagħlec tas-seŭ taħseb: da 'l għacs ŭaka, b'di 'l herra u hecc f'dakka ŭaħda, fuk Malta, fiż-żmien, seŭ seŭŭa, li f'Malta daħlu isaltnu bix-xegħla ta li sfaċċatâġni taħħom daŭc iż-żeŭġ cbar abbużi, li huma ir-rappresentazjonijet u il canzonettisti f'xi uħud miċ-ċinematografi, u il moda infami u mokżieża tal lbies tan-nisa.—Imma, din ma hix ħlief combinazjoni, forsi xi uħud igħidu. Jiena lil daŭn li igħidu hecc, ma nokgħodx immerihom; biss ngħidilhom: Sejjħu, kajjmu minn ġo kabarhom lil daŭc il popoli u nazzjonijet, li, bħalma rajna l'ura, geŭ milħuka mil għacs u il ġuħ, li biħ Alla chien heddidhom; u ġagħluhom lil daŭn il popoli igħidu bħalcom u flimchien magħcom, li dac il għacs taħħom chien combinazjoni, u m'hux castig t'Alla.

Għandna biż-żejjed il għaliex naħsbu u nibżgħu li dan tagħna hu castig għal daŭc iż-żeŭġ xorta ta abbużi, li barra mil cbar ħsarat, li għamlu u kiegħdin jagħmlu fl'erŭieħ, avvileŭ u screditaŭ għall' aħħar maddinja il Maltin. Bosta u bosta huma li strangieri, li collha mistagħġbin u scandalizzati, tismaħħom igħidu: «Conna dejjem nisimgħu isemmu u ifaħħru lil Malta għall cbira għożża u il kima lejn ir-Religjon; u għall'onestà tan-nisa Maltin. Imma, issa kiegħdin naraŭ b'għajnejna il maklub ta dac li conna nisimgħu fuk Malta»;—u għandhom għax jistagħġbu bîna il barranin. U x'in huma xi uħud miċ-ċinematografi ? Ngħid għal daŭc iċ-ċinematografi, li fukhom tchellmet minn fuk l'artali u minn fuk il pûlpti, l'Aŭtorità tal Capijet tal Cnisja; u fukhom ngħidu chif din l'Aŭtorità iddichjarathom; ngħidu scond ma jilmintaŭ fukhom, ta cull darba, il gażetti, u bosta minn daŭc in-nies li imorru hemm geŭ, biex jaraŭ u jisimgħu, għalchemm, daŭn għandhom, mill'eŭŭel, ma imorru xejn. Ngħidu, immela, li postijet bħal daŭn, huma it-Trabocc tad-demonju; huma il Forġa infernali, fejn tinħadem il foxxna, li biha id-demonju jakbad l'erŭieħ, biex ixattabhom u iŭaddabhom ġo kieħ l'Infern. U, b'dan collu, iċ-ċinematografi huma dejjem mimlijin bin-nies, irgiel u nisa, cbar u żghar. Fihom imorru, bil mistrieħ collu tal conxeeza, il capijet tal familja, b'marthom, bix-xebbiet u bit-tfal taħħom; fihom imorru saħansitra nies magħdudin b'nies tar-ruħ, forsi icunu għadhom gejjin mil Cnisja, forsi icunu nieżlin minn ŭara il confissjonarju, jecc mux ucoll minn fuk il mejda tat-Tkarbin. Ħalli jipprojbixxu il Capijet tal Cnisja; ħalli iħanbku il predicaturi; ħalli iŭiddbu id-Diretturi tal erŭieħ,—«jecc ma ncunx nicseb ħlief żeŭġ soldi, niccuntenta nibka bil ġuħ, biex immur fiċ-ċinematografu.»—Daŭn il chelmiet kalet, m'ilux, ŭaħda fkira, li tgħix billi tittallab il carità; u ta cull fil għaxija tmur ma żeŭġha u b'uliedha fiċ-ċinematografu. U hecc saru jagħmlu xi tfal tal fkar, li jeŭ jisirku jeŭ jitolbu ŭara il bŭieb, biex icollhom il flus għaċ ċinematografu, minn fejn joħorġu collha ferħana jagħmlu il mutetti u itennu il għana, li icunu semgħu u icunu raŭ mil canzonettisti...

(*Jissocta*) S.A.S.

## Naħal fuk il ŭard.

RELIGJON— Malta saret nisranija bil ħidma tal Appostlu San Paŭl u chellha b'eŭlieni Iskof taħħa il San Publju: imma b'dan ma 'rridx ngħid li in-nies collha tal Gżira ħaddnu sa minn dac iż-żmien il fidi ta Cristu. Hemm ragjunijet biex iġagħluna nifhmu li il paganiżmu (kima tal allat foloz) baka' haŭn sa bosta żmien ŭara u li sal aħħar tal ħames sêclu (*ħames mit sena*) fuk it-tŭielid tal Messija chienet f'din il Gżira għadha tintgħata kima lill Ercole u lill Ġunone.— *Li Mħallef De Bonu*, f'li *Storia della Legislazione*, faċċata 328.

STORJA—M'hi xejn ħaġa sgura li il Goti u il Vandli ħadu għal xi żmien il Malta taħt idejhom, chif iridu igħidu xi uħud. Belliżarju, jecc giè haŭn minn Skallija, ma kagħdx ħlief jum biss; u Procopju, li isemmi dic il migja, ma igħidx li Belliżarju cheċċihom minn haŭn u ħa 'l Malta taħt idejħ. Hecc ucoll id-Diploma tas-sena 489, fejn jissemma li Odöacri tà lil Ministru tiegħu xi flus fuk il gżira *Melita*, jitchellem minn *Melita tad-Dalmazja*, mhux mil *Gżira tagħna* (in provincia Dalmatiarum insulam Melitam).

CUNSILL TAL POPLU—Fil 15 ta ġunju 1802, ŭara li Cameron sgura lill Maltin li ir-Re tal Inghilterra chien tahom *it-tgaŭdija tad-Drittijet collha għeżież għalihom, chif ucoll tal Cnejjes u tar-Religjon imkaddsa taħħom, ta persunithom u ta ħŭejjiġhom,* giè maktuħ li il *Cunsill Populari*, bl'isem ta *Cungress Nazzjonali*, chellu icun fiħ Cunsilieri *mija u erbgħa*; u chellhom jiġu magħżulin hecc: 14 mil li Mdina, ir-Rabat u ħad-Dingli—12 mil Belt—4 mil Birgu—4 mill'Isla—4 minn Bormla—5 minn Birchircara—2 minn ħ'Attard — 3 minn ħal Lija u ħal Balzan—12 minn ħal Kormi—4 min-Naxxar—3 minn ħal Għargħur—5 mil Mosta—8 minn ħaż-Żebbuġ — 4 mis-Siggieŭi—3 minn ħal Luka—1 mil Gudja—4 miż-Żurriek—2 mil li Mkabba—2 mil Krendi—5 minn ħaż-Żabbar—2 minn ħal Tarxien—u 1 minn ħal Għaxak.

CBAR TA MALTA—L'Aŭditur Brunu tŭieled fis-sena 1740 u miet fis-sena 1808: chien bin it-Tabib Ġanni Brunu u Rosolija Casha. Dun Ghejtan Brunu chien Kassis, illaŭrjat fit-Teologija u Cappillan tal Cavalieri tal Alvernja (ŭaħda mit-tliet fergħat tal Cavalieri franciżi). Chien laħak ucoll Commendatur tal Ordni ta San Ġŭann; u, mita, fi żmien il Grammastru Ximenes, sar Capitlu Generali biex jimtessu il Ligijet tal Cavalieri, is-Sittax il Balliju tal Ordni lîlu, b'vuci ŭaħda, għażlu b'Segretarju taħħom. Iżda, fuk collox, il Commendatur Fra Ghejtan Brunu chien Avucat mil cbar nett: għandu chienu imorru għall pariri seŭŭa il Cbarat tal Ordni u seŭŭa l'akŭa nies ta Malta. U bħala Avucat cbir chien giè magħmul Aŭditur, jigifieri Cunsilier, tal Grammastru Ximenes, chif imbagħd baka' ucoll ta Rohan u ta Hompesch; u, chiecu dan tal aħħar, mita Napuljun Bonaparti ħabat għall Malta, sama' minnu, ma chienx jiġri dac li ġara, għax l'Aŭditur Brunu, barra milli chien għaref fost il għorrief, chien patrijott u ragel fuk ir-rgiel. Is-Sultan Hompesch, ŭakt il Cunsill tal Cavalieri, chien iżommu ma genbu; u mita l'oħrajn chienu iħalluħ jisma' minnu, ma chienx jibdielu. Ŭara li ŭakgħa tal Cavalieri, żammeŭħ b'Aŭditur taħħom il Franciżi; u mita tchecceŭ daŭn minn Malta, żammeŭħ ucoll l'Ingliżi, għax dac chien ragel li cull-ħadd chellu fiħ fidi cbira. Chien imsemmi xejn inkas mas-Slaten tal Pajjiżi l'oħra: u l'Imperatur tar-Russja chien bagħtlu, b'rahan ta kima, tabacchiera tad-deheb imdaŭŭra bil brillanti u bl'isem tal Imperatur fukha. Ħalla legat ta għaxar t'elef scud lill Bibljoteca,

Sapjano-Lanzon saret b'rekka cbira u irnexxiet ŭisk.

—La kiegħdin insemmu is-Sur Sapiano-Lanzon, irridu ngħidu li hu jinsab impiegat mal Cumitat tal *Unjoni Cattolica*; u daŭc l'Imsieħbin li imur għandhom bir-rcevuti, għandhom igħarfuħ b'mibgħut mill'Amministratur tagħna.

— Billi bdejna ngibu dan ir-Rumanz li semmejna issa, ma ifisserx li aħna sejjrin inħallu barra il ġrajja *Tŭieldet minn ġdid*, tar-Reverendu Dun Giusepp Farrugia, li ħabbarna il gimgħa l'oħra. Joħorġu it-tnejn flimchien: u ma bdejnihomx it-tnejn illum, għax, billi din tal aħħar, bħalma diġà għedna, tidħol f'darbtejn, nistgħu inkassmuha actar bil cumdità, biex nħallu il ŭisa għal ħŭejjeġ oħra.Imma *L'Aħħar assalt tal Forti San Michiel* jibka' sejjer, bla ma jakta' katt; u *Tŭieldet minn ġdid* jiżżeŭŭak miegħu, chif icun jakbel għal dac li jitlob il *Habib*.

—Hareġ il *Messaġgier Malti tat Kalb ta Gesù* tax-xahar ta dicembru, li aħna ma nixbgħu katt nirriccmandaŭħ lill karejja tagħna, sguri li dejjem insibuħ imfaŭŭar bi ħŭejjeġ sbieħ u tal fejda, chif ma jistax jonkos taħt id-direzzjoni tal għaref u ħaddiem Patri Ŭigi Grech.Din id-darba,fost il ħŭejjeġ l'oħra, fiħ il *Milied*—dic il poeżija tas-Sur Ġann Mifsud-Bonici li chienet ħadet il premju fil *Concors* tagħna u dehret l'eŭŭel darba fil *Habib*. Fiħ ucoll articuli sbieħ ta *Dun Xand*, tal Cappillan Sisner, ta Dun Giusepp Farrugia u tal Procuratur Legali Dŭardu Axiak Mifsud, collha Chittieba tagħna.

—Il *Venerabda Arciconfraternita tas-Santissimu Rużarju u tal Ħniena*, f'lakgħa tal Fratelli collha li għamlet nhar il gimgħa ta kabel l'aħħar ŭaħda, għażlet, bil voti segrieti, għas-sentejn li gejjin, daŭn il Capijet: Rettur, Monsinjur Canŏncu tal Catidral Dun Ŭiġ Farrugia, Prelat tal Papa u Professur tal Filosofija—Prim-Assistent il Canŏncu ta San Paŭl Dun Manŭel Pulicin, DD.—Second-Assistent, il Magistrat Bascal Frendu-Azopardi, LL D. — Segretarju, ir-Reverendu u Nobbli Dun Salvinu Manduca—Procuraturi: Monsinjur Canŏncu tal Catidral Dun Paŭl Galea,J.C.D.,in-Nobbli Calcidon Manduca Testaferrata u ir-Reverendu Dun Bert Oletta—Consulturi: l'Avucat Robertu Ganado, il Procuratur Legali G.Muscat-Azzopardi, in-Nutar Pietru Bartoli, P.L. u ir-Reverendu Dun Nicol Trapani—Teżorier, il Canŏncu tal Catidral Monsinjur Dun Ŭiġ Debonu Cassia, DD.

—Ir-Reverendu Patri Lettur Giuseppi Xŭereb, J.C.D., tad-Dumnicani, kiegħed jagħmel, bħalma diġà ħabbarna, il priedchi tal Avvent bit-Taljan, fil Cnisja ta San Ġŭann; u fit-tnejn li għamel s'issa ŭira mhux biss chemm hu għaref u letterat, imma ucoll chemm għandu xeħta għall pulptu u chemm għandu cunfidenza miegħu. Mogħni b'dehen cbir mn'Alla u mixħut b'serietà cbira fuk li studju, Patri Xŭereb, li jaf tajjeb chemm ngħożżu il ħbiberija tiegħu, għad jissemma mhux biss haŭn Malta. Nifirħu lilu: u miegħu lill'Ordni Dumnican u lill Familja tiegħu.

—Nhar l'erbgħa li għaddeŭ, fis-Sala tal Università, ix-Xirca *Scientifico-Storica*,mkankla mill'Avucat Gustu Bartolu, għaddiet, bil voti collha, *Risoluzzjoni* ta fejda l'iżjed cbira. *Irsolviet* li titlob lill Gvern u lill'Iskof biex mill'actar fis jagħmlu dmirhom ħalli ma jibkgħux sejjrin jirvinaŭ l'ôpri cbar li jinsabu fil Cnisja ta San Ġŭann u fuk collox il pittura tas-sakaf, il qŭadri tal artali u il mużajc tal kobra, li huma msemmijin mad-dinja collha nisranija. L'eŭŭel, tchellem bl'Ingliż l'Avucat Bartolu, li, chif għedna, kankal din il biċċa sabiħa u tchellem tant tajjeb li chellu bosta applaŭsi; u, imbagħd, ŭieħed ŭara l'ieħor, tchellmu bit-Taljan l'Avucat Nericu Mizzi, il Procuratur Legali G. Muscat-Azzopardi, l'Avucat Arturu Mercieca M.A., Sir Richard Micallef,K.C M.G., is-Sur Albertu Camilleri u il Corunell Manchè; u, fl'aħħar, għalak bl'Ingliż l'Avucat Laferla, Segretarju tax-Xirca. Mexxa il Lakgħa il Professur Napuljun Tagliaferru, bħala President tax-Xirca; u chien hemm bosta mill'Imsieħbin, Maltin u Ingliżi, irgiel u nisa. Barra mill'Imsieħbin, chien hemm ucoll ħafna persuni oħra, Sacerdoti u Seculari, li jidħlu għal daŭn il Lakgħat bħala mistednin; u, fosthom, katgħa ġmielha Seminaristi. F'li stess Lakgħa, kabel dan li għedna, il Professur Laŭrenza għamel Taħdita bit-Taljan fuk chif chienu isiru, fi żmien is-Slaten, il festi tal *Eŭŭel ta Mejju* haŭn Malta u kal ħŭejjeġ sbieħ ŭisk, li nixtiekuhom jitfissru bil Malti, fuk in-nisel tal *Arblu ta Mejju*; u geŭ mdaħħlin bil voti segrieti *Msieħbin ġodda*—fosthom SIR JOHN BLUNT, li chien jinsab hemm bħala mistieden u ŭira li ħa pjacir cbir b'dac li ntkal fuk l'ôpri tal Cnisja ta San Ġŭann.

—Nifirħu lil daŭn ir-Reverendi Patrijet Conventŭali ta San Franġisc, li, nhar it-tlieta tal gimgħa l'oħra, f'Capitlu taħt id-direzzjoni tal Vigarju General tal Ordni, ir-Reverendissimu Patri-Majjistru Dumincu Tavani, li giè Malta apposta, laħku Capijet, chif sejjrin ngħidu: Provincjal, ir-Reverendu Patri-Majjistru Ŭigi Tonna-Barthet—Segretarju tiegħu, ir-Reverendu Patri Antonju Buħaġar—Gŭardjani: tal Belt, ir-Reverendu Patri Dovic Debonu, Definitur Perpetŭu; tar-Rabat ta Malta, ir-Reverendu Patri Salv Cassar; tar-Rabat ta Għaŭdex, ir-Reverendu Patri Giuseppi Attard; u ta San-Paŭl-il-baħar, ir-Reverendu Patri Giuseppi Caŭchi, Definitur Perpetŭu u Cappillan ta dic il Parroċċa. Il biċċa il cbira, ibda mil Provincjal, chienu diġà f'li stess setgħa fis-snin li għaddeŭ; u dan juri actar il fidi li għandhom Sħabhom fil ħeġġa u fl'imgiba taħħom. Fost l'oħrajn, ir-Reverendu Patri Dovic Debonu ilu Gŭardjan tal Cunvent tal Belt xi erbatax il sena, jecc mhux iżjed; u bir-rag un collu, għax trid tfittex u tarġa tfittex biex issib ragel bħalu, ragel ta dic il prâtca, ta dic il ħleŭŭa f'għamilu ma cull-ħadd, ta dic il ħila u ta dic il bżulija. Illum il ġurnata, il Cunvent ta San Franġisc tal Belt għandu ġabra ta Patrijet żgħażaħ, tŭajjbin u ħaddiema, li il Poplu cbir li jiffreqŭenta cull jum dic il Cnisja jinsab mokdi minnhom bl'akŭa serietà u bl'isbaħ ħrara.

—Is-Sunett li gibna illum hu ta żagħżuħ—żagħżuħ ħafna—li chiteb l'eŭŭel darba bil Malti: iżda, bħalma taraŭ, hu żagħżuħ li fiħ ŭisk x'tittama minnu, għax mil ħsiebijet u min-nisġa taħħom juri li m'hux sajjem mil *Letteratura*. Nifirħulu.

## CANNIBALI

(NIES JIECLU IN-NIES)

Daŭn il ġranet, ŭaslu Londra minn kieħ l'Africa żeŭġ Missjunari, ir-Reverendi Studd u Buxton, biex jiġbru chemxa flus cbira, ħalli biha icunu jistgħu icomplu il Missjoni taħħom fl'artijet tal poplu Njam-Njam.Daŭn innies għad m'ilniex nafu bihom ħlief xi erbgħin sena u huma minn daŭc is-salvaġġi li jieclu il laħam tan-nies bħalhom. (imsejjħin *cannibali*, jigifieri *clubin*, jeŭ aħjar *għandhom mil clieb*).

Il Missjunari, chif kalu huma, sbarcaŭ f'Mambosa, f'kieħ l'Africa, u bakgħu sejjrin bil Ferrovija sa *Port Florence*, fuk il għadira ta *Victorja Njanza*, li tchellimna darb'oħra fukha fil *Habib*. Firdu il għadira b'dgħajjsa; u, imbagħd, dakka b'aŭtomobbli

---

ħbula ma dac l' arblu u mal ctajjen, u ħdeŭ jiġbdu bħal imgienen : b' mod li l' għedeŭŭa chienu jiġbdu minn barra, u il Maltin chienu jiġbdu minn geŭŭa. Issa għal dan il ġbid geŭ jiġru b'ħeġġa cbira għall għajnuna iż-żgħażaħ collha u ċorma cbira ta nisa.

Sa haŭn chienet ŭaslet il għażiża Malta tagħna, xħin il Cavalier Pompilju Savelli resak ħdejn mara ta ġmiel li ma bħalu u kalilha:«Marozza, mur iġri il Forti ta Castilja u għid lir-ragel tiegħec Sansun li ifittex jigi malajr bis-suldati tiegħu, biex jatina ajjut: anzi, jecc jirnexxilec tiltaka' ma dac ix-xitan ta Diegu Braccioforte, għidlu, jecc jogħġboc, li għandna bżonnu ħafna, u li kiegħdin nistenneŭħ: għaliex haŭn jaħtieġ icollna suldati tajjba, kalbiena u li ma jibżgħux mil meŭt; ġà la darba l'infern donnu kam collu contra tagħna. Għid ucoll lill Ciccu Dè Costanzo, il campanar tat-torri, biex idokk għall'ajjut. — Xħin kallha dan collu, raġa mar jitkabad mat-Toroc, li chienu gejjin jiġru għall'assalt.

Marozza irħiet malajr il ħabel u marret tiġri chemm tiflaħ tgħid lil żeŭgħa; imma xħin ŭaslet f'nofs il pont, semgħet tant tnabar itanbru u dakk ta trombi li itarrxulec moħħoc u il kanpiena tat-Torri chienet ġà bdiet idokk bis-sħiħ. Tfajjel ta xi tnax il sena, li chien jiġri daks ir-riħ, chien ġà mar il Birgu biex ixerred ix-xniegħa li il Forti San Michiel għoddu ŭaka' taħt idejn il Misilmin.

Marozza, f' inkas milli trodd salib, chienet ŭaslet il Forti ta Castilja, u rat il żeŭgħa Sansun ilesti canun ħdejħ, u bdiet tgħidlu hecc: « Piet, il Forti San Michiel dalŭakt jaka' taħt idejn it-Toroc, mur iġri bis-suldati tiegħec jecc tas seŭ tħobb il pajjisec u'r-Religion mkaddsa tagħna. Bagħatni għalic il Cavalier Pompilju Savelli. U Barabba fejn hu ? M'hux miegħec?....

—Lè; Barabba jidħirli li mar il cunvent ma Fra Vitale.

Xħin sama dan, Sansun sejjaħ malajr il Cejlu Tonna, cugin tiegħu, il Ġacbu Bonnici, il Michiel Calli, iż-żeŭġ t' aħŭa Piju u Ġanni Bajjada, Ġacbu Cassar, Toni Ċappara, Ŭistin Tabuni u ftit oħrajn: għaliex il biċċa il cbira li chienu fil cumpanija tiegħu, chienu mxerrdin l'hemm u l'haŭn, u xi uħud minnhom ma chienux jifilħu ŭisk. Bi ħmistax minn daŭn il kalbiena suldati telak lejn il Forti San Michiel, fil ŭakt li il kanpiena tat-torri issuctat iddok bis-sħiħ u id-dakk tat-tnabar u tat-trombi chien għoddu jistordilec moħħoc. Il cbarat intant ħarġu minn djarhom armati sa snienhom, imma għajjenin u bil curazza mchissra f'chemm il banda. Fabju Torres, Ettore De Noto, Ġacomin Nava, Toni Desquanez, Pietru u Ġulju Cassia u xi ħamsa jeŭ sitt oħra, daŭna ucoll chienu mil cumpanija ta Sansun. Illi xħin ŭasal fil misraħ tal armi lemaħ salib tal għuda mŭaħħal fl'art, u taħtu chien hemm fanal mixgħul u l'art imħarbta collha u kal: «Suldati ! Atu gieħ lill mejtin, għax minn cull xifer tal art tielgħa bħal daħna tal meŭt, immorru aħna ucoll biex niltakgħu maħħa bħal chiecu sejrin mistiednin f'xi tieġ.» Daŭna il kalbiena siltu ix-xŭabel, u bdeŭ jitolbu bil mod għal ħuthom li ma chienux ilhom li mietu, għall Malta u għar-Religjon. B' chemm dmuħ ta ommijet, ta aħŭa, ta tfal iltiema ixxarrbet dic l' art ? Jirfes cull min igħaddi minn fukha b'kima cbira, għax ma chienx hemm gebla li ma ixxarrbetx bid-demm ta ħutna il Maltin !

(*Jissocta*)

